**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 16 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 1732/01AE**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maurice Cefai u l-istess Maurice Cefai**

**Vs**

**Raphael Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm320.42), rizarciment ta' danni komplessivi

mhallsa bhala konsegwenza ta’ incident tat-traffiku li gara f’San Giljan fis-27 ta’ Jannar 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru JBA 039 habat mal-vettura bin-numru FBL 343 propjeta ta’ l-attur Maurice Cefai li kienet ipparkjata, u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba ta’ l-atturi.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar allegat incident li sehh fis-27 ta’ Jannar 2000 gewwa Triq Ross, San Giljan. Dakinhar il-vettura ta’ l-attur Maurice Cefai kienet ipparkjata f’din it-triq. Qieghed jigi allegat li l-vettura misjuqa mill-konvenut laqtet il-vettura ta’ l-attur u saret hsara fil-vettura tal-marka Skoda Felicia bin-numru FBL 343.

2. Mis-survey report li sar minn Paul Barberi (ara wkoll xhieda moghtija fis-seduta tal-10 ta’ April 2002), jirrizulta li l-hsara fil-vettura ta’ l-attur saret fiz-zewg bibien tan-naha tal-passigier (ara wkoll ritratt markat bhala Dok. PB1).

3. L-attur xehed li ma rax l-incident isehh, u gie mgharraf b'dak li gara minn certu Rose Marie Cachia (girien tieghu). Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2002 xehdet Rose Marie Cachia:

*"Il-hoss li smajt kien hoss ta' habta. Meta ttawwalt mit-tieqa, jiena rajt truck, minghalija Isuzu. Dan it-truck kien qieghed jaqla' minn mal-karrozza tal-attur…..* ***It-Toyota kienet qeghda quddiem il-vettura ta' Maurice Cefai meta jiena rajtha….. Jiena ghalkemm naf illi t-Toyota kienet qed tinstaq minn ragel, ma nistax naghraf lil din il-persuna jekk tigi ndikata lili…… Jiena rajt il-hsara fuq il-bonnet tal-vettura tal-attur****"*.

Min-naha tieghu l-attur xehed: *"nikkonferma li l-vettura tieghi giet miqluta fuq il-parti ta' quddiem; il-bumper u l-bonnet"* (seduta tas-26 ta' Frar 2002).

4. Min-naha tieghu, il-konvenut cahad kull responsabbilta ghall-incident in kwistjoni. Anzi jghid li fl-allegat hin ta' l-incident, huwa kien qieghed fuq il-post tax-xoghol.

5. Mill-assjem tal-provi li tressqu, it-Tribunal ma jistax fuq bazi ta' probabiltajiet jasal ghal konkluzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident u ghad-danni li saru fuvi il-vettura li hija propjeta ta' l-attur Maurice Cefai. Filwaqt li Rose Marie Cachia xehdet li kienet il-hsara fuq il-bonnet li *"mpressjonatni"*, is-surveyor (Paul Barberi) xehed li ma ra l-

ebda hsara fuq il-parti ta’ quddiem tal-vettura (ara wkoll survey report a fol. 15 tal-process). Inoltre, m’huwiex verosimili li vettura li tkun qalghet minn quddiem karrozza ohra, tikkaguna hsara fil-bibien tal-karrozza pparkjata warajha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad t-talba ta’ l-atturi, bl-ispejjez (inkluzi drittijiet legali) kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**